# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Frar, 2002**

**Numru 2**

**Cit. Nru. 682/01(F1) GCD**

**Sea Malta Company Limited**

**Vs**

**Graja & Caorsi (Malta) Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici pprovdiet servizzi ta' garr ta' merkanzija fuq il-mezzi ta' trasport taghha lis-socjeta` konvenuta;

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici ghas-somma ta' elf, u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,078.32)

rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta lis-socjeta` attrici bhala noll ghal fuq imsemmija garr ta' merkanzija, kif jidher minn kopja ta' l-i"statement" li huwa anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok. "A";

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet kemm-il darba interpellata sabiex thallas il-fuq imsemmi debitu, hija baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), stante li l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess ammont;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikolu 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1,078.32) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar dovuta lis-socjeta` attrici bhala noll ghall-fuq imsemmija garr ta' merkanzija;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Profs. Ian Refalo u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm